

Brussell, 10 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10751/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0125(NLE)

AVIATION 135
RELEX 652
USA 53

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9901/19
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien fuq l-Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja – Adozzjoni

1. Il-Ftehim ta' hawn fuq huwa r-riżultat tal-attivitajiet ta' negozjati tal-Kummissjoni bbażati fuq mandat mogħti mill-Kunsill fil-21 ta' Diċembru 2016 li permezz tiegħu l-Kummissjoni setgħet tibda negozjati mal-Istati Uniti bil-ħsieb li tibni fuq il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru ("ATA") bejn l-UE u l-Istati Uniti li ġie ffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007.
2. Fil-5 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi hawn fuq (id-dokumenti 9901/19 u 9905/19 rispettivament).
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni eżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u laħaq qbil dwaru fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2019.
4. Wara l-eżami fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u tal-Ftehim ġie rivedut mis-servizzi tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' deċiżjoni dwar l-iffirmar, kif jinsab fid-dokument tal-ġuristi lingwisti 10485/19, kif ukoll it-test tal-Ftehim kif jinsab fid-dokument tal-ġuristi lingwisti 10584/19. Mad-Deċiżjoni tal-Kunsill u l-Ftehim hemm ukoll Memorandum ta' Konsultazzjonijiet li jista' jinstab fid-dokument 11100/19.
 6. Il-Parlament Ewropew ser jiġi mġharraf bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-PE.
-